MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2014

Numru. 965/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**NIMMAO RAMMAL**

**MOHAMMED RAMMAL**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **NIMAO RAMMAL** ta’ tnejn u erbghin (42) sena, iben Muhtar u Baradija, imwieled Damasku, is-Syria nhar il-25 ta’ Awwissu 1972, residenti gewwa t-Tent Village ta’ Hal Far u detentur tan-numru moghti mill-Pulizija ta’ Malta 14E-125 u **MOHAMMED RAMMAL** ta’ wiehed u ghoxrin (21) sena, iben Nimao u Rim Imsalla, imwieled Damasku, is-Syria nhar il-25/04/1993, residenti gewwa t-Tent Village ta’ Hal Far u detentur tan-numru moghti mill-Pulizija ta’ Malta 14E-126 gew imressqa quddiemha akkuzati talli fit-3 ta’ Ottubru 2014 u fil-jiem ta’ qabel f’dawn il-gżejjer iffalsifikaw, biddlu jew għamlu xi tibdil f’Passaporti, jew użaw jew kellhom fil-pussess tagħhom xi Passaporti, li huma kienu jafu li ġew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom f’isem Ahmed Said bin-numru EF438608 f’isem Farah Ahmed EF438604 u f’isem Isse Ahmed EF 438606 rispettivament.

Kif ukoll talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamlu falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamlu użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija.

Kif ukoll talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi iffalsifikaw xi dokumenti jew kopji vera ta’ dokumenti jew reġistrazzjonijiet magħmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom zewg fedini penali, zewg stqarrijiet, kunsens tal-Avukat Generali, zewg dokumenti mahruga mis-security branch tal-Pulizija, tlett passaporti mahruga allegatament mill-Belgium u relazzjoni tal-police work.

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma jifhmux bil-lingwa Maltija u li huma m'ghandhomx mezzi finanzjarji. Il-Qorti nnominat lil Dr Simon Micallef Stafrace bhala Avukat tal-Ghajnuna Legali sabiex jassisti lill-imputati. Il-Qorti nnominat ukoll lill-Houto Nazmi Khalil bhala interpretu sabiex jittraduci mil-lingwa Maltija ghal-lingwa Gharbija u vici versa.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata waqt is-seduta tal-4 ta' Ottubru 2014 u dana fil-presenza tal-avukat tal-ghajnuna legali u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibhom hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk riedu, setghu jergghu lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghhom giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-4 ta' Ottubru 2014.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 u l-Artikolu 32(1)(d) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputati NIMAO RAMMAL u MOHAMMED RAMMAL HAMDI HABIB MOHAMMED SHEDI hatja tal-akkuzi kif migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannhom tmien xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------